**A.L. 11 ta' l-2003**

**ATT TA' L-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT**
**(ATT NUMRU XX TA' L-2001)**

**Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ozonu fl-Arja Ambjentali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artiklu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ozonu fl-Arja Ambjentali. Titolu u objettivi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu:

(a) li jistabbilixxu objettivi għal medda ta' tul ta' żmien, valuri li jridu jintlaħqu, livell li joħloq allarm u livell bażiku ta' informazzjoni għall-konċentrazzjonijiet ta' ozonu fl-arja ambjentali f'Malta maħsubin biex jevitaw, jipprevjenu jew inaqqsu effetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa umana u lill-ambjent in ġenerali;

(b) li jiżguraw li metodi u kriterji komuni jintużaw biex ikunu valutati konċentrazzjonijiet ta' ozonu u, skond kif meħtieġ, prekursuri ta' l-ozonu (ossidi tan-nitroġenu u komposti organiċi volatili) fl-arja ambjentali fl-Istati tal-Ftehim;

(ċ) li jiżguraw li informazzjoni adegwata tinkiseb fuq il-livelli ta' ozonu ambjentali u li din tkun aċċessibbli għall-pubbliku;

(d) li jiżguraw li, fir-rigward ta' l-ozonu, il-kwalità ta' l-arja ambjentali tinżamm fejn hi tajba, u tittejjeb f'każijiet oħra;

(e) li jippromwovu kooperazzjoni akbar bejn Stati tal-Ftehim fit-tnaqqis tal-livelli ta' ozonu, l-użu tal-potenzjal ta' miżuri li jaqbżu fruntieri maġenb xulxin u ftehim fuq dawn il-miżuri.

**2.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti: Tifsiriet.

"arja ambjentali" tfisser arja fit-troposfera, minbarra f'postijiet tax-xogħol;

"sustanza li tniġġes" tfisser kull sustanza introdotta direttament jew indirettament mill-bniedem fl-arja ambjentali u li x'aktarx tħalli effetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa umana u, jew lill-ambjent in ġenerali;

"sustanzi prekursuri ta' l-ozonu" tfisser sustanzi li jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' ozonu fil-livell ta' l-art, li wħud minnhom huma elenkati fi Skeda VI;

"livell" tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza li tniġġes fl-arja ambjentali jew id-depożizzjoni tagħha fuq uċuh fi żmien partikolari;

"valutazzjoni" tfisser kull metodu użat biex ikejjel, jikkalkola, ibassar jew jistma l-livell ta' sustanza li tniġġes fl-arja ambjentali;

"qisien fissi" tfisser qisien meħudin skond regolament 6 (4) tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Valutazzjoni ta' l-Arja Ambjentali;

"zona" tfisser parti mit-territorju ta' Malta kif delimitat minnha;

"agglomerazzjoni" tfisser zona b'konċentrament ta' popolazzjoni li jaqbeż il-250,000 abitant jew, fejn il-konċentrament tal-popolazzjoni hu ta' 250,000 abitant jew inqas, b'densità ta' popolazzjoni kull $km^2$ li fil-każ ta' Malta jiġġustifika l-ħtieġa li l-kwalità ta' l-arja ambjentali tkun valutata u mmaniġġata;

"valur li jrid jintlaħaq" tfisser livell fiss bl-iskop li, fuq medda ta' żmien twila, ikunu evitati effetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa umana u, jew l-ambjent in ġenerali, li jrid jintlaħaq possibilment tul perjodu partikolari stabbilit;

"objettiv fuq medda ta' żmien twila" tfisser konċentrazzjoni ta' ozonu fl-arja ambjentali li, skond l-għarfien xjentifiku kurrenti, jekk ma tintlaħaqx x'aktarx li ma jkunx hemm effetti negattivi fuq is-saħħa umana u, jew fuq l-ambjent in ġenerali. L-objettiv għandu jintlaħaq fuq medda ta' żmien twila ħlief meta ma jkunx jista' jintlaħaq b'miżuri proporzjonati, bil-għan li jipprovdi ħarsien effettiv lis-saħħa umana u lill-ambjent;

"livell li joħloq allarm" tfisser livell li meta jinqabeż ikun hemm riskju lis-saħħa umana kkaġunat minn kxif għal ftit ħin tal-popolazzjoni kollha u li jitlob li jittieħdu passi immedjati mill-awtorità kompetenti kif stipulat fir-regolamenti 6 u 7 ta' dawn ir-regolamenti;

"livell bażiku ta' informazzjoni" tfisser livell li meta jinqabeż ikun hemm riskju lis-saħħa umana kkaġunat minn kxif għal ftit ħin ta' sezzjonijiet partikolarment sensittivi tal-popolazzjoni u li jitlob li tingħata informazzjoni aġġornata;

"komposti organiċi volatili" (VOC) tfisser il-komposti kollha organiċi minn għejun antropoġeniċi u bijoġeniċi, minbarra l-metanu, li jistgħu jipproduċu ossidanti fotokimiċi permezz ta' reazzjoni ma' ossidi tan-nitroġenu meta jkunu fid-dawl tax-xemx;

"Stati ta' Ftehim" tfisser ftehim, li Malta hija parti minnu, magħmul bejn grupp ta' stati li jagħtu reċiprokament liċ-ċittadini ta' dawn l-istati jew lid-dipendenti tagħhom, id-dritt li jidħlu, joqogħdu u jgħixu fit-territorju ta' dak l-istat u li joħorġu minnu, li jiċċirkolaw liberament f'dawk l-istati għal perjodu tali kif jista' jkun stabbilit fil-ftehim u li jaħdmu jew jistabbilixxu, jipprovdu jew jirċievu servizzi fih; u "Stat tal-Ftehim" u "ċittadin ta' Stat tal-Ftehim" għandhom ikunu interpretati b'dan il-mod, u meta stat ikun parti minn Ftehim bħal dak bla ħsara għal modifiki u adattamenti, ċittadin ta' Stat tal-Ftehim għandu jkun soġġett għal dawk il-modifiki jew adattamenti li jistgħu jkunu preskritti;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar kif preskritta bl-avviż intitolat Nomina ta' l-Awtorità Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar bħala l-awtorità kompetenti, u tali korp ieħor jew persuna li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u jistgħu jissemmew korpi jew persuni differenti bħala l-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Valuri li jridu jintlaħqu.

**3.** (1) Il-valuri li jridu jintlaħqu għall-2001 fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet ta' ozonu fl-arja ambjentali huma dawk stipulati f'Taqsima II ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tikkompila lista ta' zoni u agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' arja ambjentali, kif valutati skond regolament 9, huma ogħla mill-valuri li jridu jintlaħqu msemmija fis-subregolament (1) ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Fil-każ taz-zoni u agglomerazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri biex tiżgura, skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Ogħla Livelli Nazzjonali ta' Emissjoniji fil-każ ta' ċerti sustanzi Atmosferiċi li Jniġġsu li jkun ippreparat u implimentat

A.L. 291 ta' l-2002.

pjan jew programm biex jintlaħaq il-valur li jrid jintlaħaq, ħlief meta ma jkunx jista' jintlaħaq b'miżuri proporzjonati, sa mid-data speċifikata fit-Taqsima II ta' Skeda I:

A.L. 216 ta' l-2001.

Iżda meta, skond ir-regolament 8(3) tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Stima u Maniġġjar tal-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent, għandhom ikunu ppreparati jew implimentati pjanijiet jew programmi fir-rigward ta' sustanza li tniġġes minbarra l-ozonu, l-awtorità kompetenti għandha, meta xieraq u meħtieġ, tipprepara u timplimenta pjanijiet jew programmi integrati li jkopru kull sustanza li tniġġes involuta.

(4) Il-pjanijiet jew programmi, msemmija fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, għandhom jinkorporaw almenu l-informazzjoni elenkata fi Skeda IV tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Stima u Maniggjar tal-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent, u għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku u għal organizzazzjonijiet adatti bħalma huma organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi tal-popolazzjoni sensittivi u korpi tal-kura tas-saħħa rilevanti oħra.

Objettivi fuq medda ta' żmien twila.

**4.** (1) L-objettivi fuq medda ta' żmien twila għal konċentrazzjonijiet ta' ozonu fl-arja ambjentali huma dawk stipulati f'Taqsima III ta' Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tikkompila lista ta' zoni u agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' ozonu fl-arja ambjentali, kif valutati skond regolament 9 ta' hawnhekk, huma ogħla mill-objettivi fuq medda ta' żmien twila msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament iżda huma inqas minn, jew ugwali għall-valuri li jridu jintlaħqu stipulati fit-Taqsima II ta' Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda fil-każ ta' tali zoni u agglomerazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tipprepara u timplimenta miżuri, li jkunu effettivi meta mqabbla mad-daqs ta' l-ispiża li jinvolvu, bl-għan li jintlaħqu l-objettivi fuq medda ta' żmien twila. Il-miżuri meħuda għandhom, mill-inqas, ikunu konsistenti mal-pjanijiet jew programmi kollha speċifikati f'regolament 3(3). Barra minn hekk, huma għandhom jibnu fuq miżuri meħudin taħt id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Ogħla Livelli Nazzjonali ta' Emissjoni fil-każ ta' ċerti sustanzi atmosferiċi li jniġġsu u kull leġislazzjoni rilevanti oħra.

Ħtiġiet f'zoni u agglomerazzjonijiet fejn livelli ta' ozonu jilħqu l-objettivi fuq medda ta' żmien twila.

**5.** L-awtorità kompetenti għandha tikkompila lista ta' zoni u agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' ozonu jilħqu l-objettivi fuq medda ta' żmien twila. Safejn fatturi li jinkludu x-xorta transkonfini ta' tinġis mill-ozonu u safejn il-kondizzjonijiet metereoloġiċi jippermettu,

huma għandhom iżommu l-livelli ta' ozonu f'dawk iz-zoni u agglomerazzjonijiet aktar baxxi mill-objettivi fuq medda ta' żmien twila u għandhom jippreservaw permezz ta' miżuri proporzjonati l-aħjar kwalità ta' arja ambjentali kompatibbli ma' żvilupp sostenibbli u livell għoli ta' ħarsien ambjentali u tas-saħħa umana.

**6.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tieħu passi adatti biex: Informazzjoni lill-pubbliku.

(a) (i) tiżgura li informazzjoni aġġornata fuq konċentrazzjonijiet ta' ozonu fl-arja ambjentali tkun aċċessibbli b'mod ta' rutina għall-pubbliku u wkoll għal organizzazzjonijiet xierqa bħalma huma organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi tal-popolazzjoni sensittivi u korpi tal-kura tas-saħħa rilevanti oħra.

Iżda din l-informazzjoni għandha tkun aġġornata mill-inqas kuljum u, kull meta meħtieġ, kull siegħa:

Iżda wkoll dik l-informazzjoni għandha tindika almenu l-eċċessi kollha tal-konċentrazzjonijiet fl-objettivi fuq medda ta' żmien twila għall-ħarsien tas-saħħa, il-livell bażiku ta' informazzjoni u l-livell li joħloq allarm għall-perjodu medju rilevanti. Għandha wkoll tipprovdi valutazzjoni qasira relatata ma' l-effetti fuq is-saħħa;

(ii) Il-livell bażiku ta' informazzjoni u l-livell li joħloq allarm fir-rigward ta' konċentrazzjonijiet ta' ozonu fl-arja ambjentali huma mogħtija fit-Taqsima I ta' Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(b) tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku u għal organizzazzjonijiet adatti bħalma huma organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi tal-popolazzjoni sensittivi u korpi tal-kura tas-saħħa rilevanti oħra, rapporti annwali komprensivi li mill-inqas għandhom jindikaw, fil-każ tas-saħħa tal-bniedem, kull eċċess ta' konċentrazzjonijiet fil-valur li jrid jintlaħaq u fl-objettivi fuq medda ta' żmien twila, il-livell bażiku ta' informazzjoni u l-livell li joħloq allarm, għall-perjodu medju rilevanti, u fil-każ ta' veġetazzjoni, kull eċċess tal-valur li jrid jintlaħaq u l-objettivi fuq medda ta' żmien twila, flimkien ma', kif ikun adatt, valutazzjoni qasira ta' l-effetti ta' dawk l-eċċessi:

Iżda huma jistgħu jinkludu, meta meħtieġ, informazzjoni u valutazzjonijiet ulterjuri fuq ħarsien ta' msaġar, kif speċifikat fit-Taqsima

I ta' Skeda III li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u wkoll informazzjoni dwar sustanzi prekursuri rilevanti; u

(ċ) (i) tiżgura li informazzjoni f'waqtha dwar l-eċċessi attwali jew previsti tal-livell ta' alarm tingħata lil istituzzjonijiet għall-kura tas-saħħa u lill-popolazzjoni;

(ii) l-informazzjoni u rapporti li hemm referenza għalihom hawn qabel għandhom ikunu kollha ppubblikati b'mezzi xierqa, bħalma huma mezzi tax-xandir, l-istampa jew pubblikazzjonijiet oħra, skrins ta' informazzjoni jew is-servizzi ta' nisġa ta' *computers*, bħall-internet.

(2) Dettalji mgħoddija lill-pubbliku skond ir-regolament 10 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Stima u Maniġġjar tal-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent, meta xi wieħed mill-livelli jinqabeż, għandhom jinkludu l-oġġetti elenkati fit-Taqsima II ta' Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. L-awtorità kompetenti għandha, meta prattikabbli, tieħu wkoll passi biex tgħaddi dik l-informazzjoni meta jkunu previsti eċċessi tal-livell bażiku ta' informazzjoni u tal-livell li joħloq allarm.

(3) Informazzjoni mogħtija taħt subregolamenti (1) u (2) ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu ċari, jinftiehmu u aċċessibbli.

Pjanijiet ta' azzjoni fuq medda ta' żmien qasira.

**7.** (1) (a) Skond ir-regolament 7(2) tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Stima u Maniġġjar tal-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent, l-awtorità kompetenti għandha tfassal pjanijiet ta' azzjoni, f'livelli amministrattivi adatti, li jindikaw miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu fuq medda ta' żmien qasira, li jqisu ċ-ċirkustanzi lokali partikolari, għal zoni fejn hemm riskju ta' eċċessi tal-livell li joħloq allarm, jekk ikunx hemm potenzjal sinifikanti biex jitnaqqas dak ir-riskju jew biex jitnaqqsu ż-żmien għal kemm itul jew is-severità ta' xi eċċess fuq il-livell li joħloq allarm:

Iżda meta jinsab li ma jkun hemm ebda potenzjal biex jitnaqqsu r-riskju, ż-żmien għal kemm itul jew is-severità ta' xi eċċess fiz-zoni rilevanti, l-awtorità kompetenti għandha tkun eżenti mid-disposizzjonijiet tar-regolament 7(2) tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Stima u Miniġġjar tal-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent.

(b) L-Istati tal-Ftehim huma marbuta li jidentifikaw jekk ikunx hemmx potenzjal għat-tnaqqis tar-riskju, ż-żmien għal kemm itul jew is-severità ta' eċċess wara li jitqiesu l-kondizzjonijiet ġeografiċi, metereoloġiċi u ekonomiċi tan-nazzjon.

(2) (a) L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għall-pjanijiet ta' azzjoni fuq medda ta' żmien qasira, inklużi l-livelli meta jibdew jittieħdu azzjonijiet speċifiċi.

(b) Skond kif ikun il-każ individwali, il-pjanijiet jistgħu jipprovdu għal miżuri gradati u effettivi meta mqabbla mad-daqs ta' l-ispiża li jinvolvu biex ikunu kkontrollati u, fejn meħtieġ, mnaqqsa jew sospiżi ċerti attivitajiet, inkluż it-traffiku ta' vetturi bil-mutur, li jikkontribwixxu għall-emissjonijiet li jwasslu biex jinqabeż il-livell li joħloq allarm.

(ċ) Miżuri ta' din ix-xorta jistgħu jinkludu wkoll miżuri effettivi relatati ma' l-użu ta' impjanti jew prodotti industrijali.

(3) Meta tiġi biex tiżviluppa u timplimenta l-pjanijiet fuq medda ta' żmien qasira, l-awtorità kompetenti għandha tqis eżempji ta' miżuri (li l-effettività tagħhom kienet diġà valutata) li għandhom jiddaħħlu fil-gwida msemmija fir-regolament 12.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku u għal organizzazzjonijiet adatti bħalma huma organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi tal-popolazzjoni sensittivi u korpi tal-kura tas-saħħa rilevanti oħra kemm ir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet tagħha u l-kontenut ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi u kemm informazzjoni fuq l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet fuq medda ta' żmien qasira.

**8.** (1) Meta konċentrazzjonijiet ta' ozonu li jaqbżu l-valuri li jridu jintlaħqu jew l-objettivi fuq medda ta' żmien twila huma kkaġunati l-aktar minn emissjonijiet prekursuri fi Stati tal-Ftehim oħrajn, l-Istati tal-Ftehim involuti għandhom jikkooperaw, meta jkun adatt, biex ifasslu pjanijiet u programmi konġunti biex jilħqu l-valuri li jridu jintlaħqu jew l-objettivi fuq medda ta' żmien twila, barra minn meta dan ma jistax jintlaħaq permezz ta' miżuri proporzjonati. Tinġis transkonfini.

(2) L-awtorità kompetenti għandha, meta hu meħtieġ skond regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, tipprepara u timplimenta pjanijiet ta' azzjoni fuq medda ta' żmien qasira li jkopru zoni ġirien fi Stati tal-Ftehim differenti. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li zoni ġirien fi pjanijiet differenti jirċievu l-informazzjoni meħtieġa kollha.

(3) Meta jinqabżu l-livell bażiku ta' informazzjoni jew il-livell li joħloq allarm f'zoni qrib il-fruntieri nazzjonali, l-awtorità kompetenti għandha kemm jista' jkun malajr tinforma lill-awtoritajiet

kompetenti fl-Istati tal-Ftehim ġirien involuti biex jiffaċilitaw l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku f'dawk l-Istati.

(4) Fit-tfassil tal-pjanijiet u programmi msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament u meta tinforma lill-pubbliku kif imsemmi fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti għandha, meta meħtieġ, taħdem f'koperazzjoni ma' pajjiżi oħra.

Valutazzjoni ta' konċentrazzjonijiet ta' ozonu u sustanzi prekursuri fl-arja ambjentali.

**9.** (1) (i) L-awtorità kompetenti għandha twaħħal kejl li ma jinqalgħux f'zoni u agglomerazzjonijiet fejn, tul xi waħda mill-ħames snin ta' qabel meta sar il-kejl, konċentrazzjonijiet ta' ozonu qabżu l-objettiv fuq medda ta' żmien twila:

Iżda, meta d-data meħuda hija ta' inqas minn ħames snin, l-awtorità kompetenti tista' tiddetermina eċċessi, tgħaqqad flimkien kampanji ta' tkejjil li jdumu ftit taż-żmien f'waqtiet u lokalitajiet li x'aktarx ikunu tipiċi tal-livelli ta' l-ogħla tniġġis kif joħroġ mir-riżultati meħudin minn inventarji u mudelli ta' emissjonijiet.

(ii) Skeda IV li tinsab ma' dawn ir-regolamenti telenka l-kriterji għad-determinazzjoni ta' fejn jitqiegħdu l-punti minn fejn jittieħdu kampjuni għall-kejl ta' l-ozonu.

(iii) Taqsima I ta' Skeda V li tinsab ma' dawn ir-regolamenti telenka l-inqas għadd ta' punti fissi minn fejn jittieħdu kampjuni għat-tkejjil kontinwu ta' ozonu f'kull zona jew agglomerazzjoni u li fihom l-unika għajn ta' informazzjoni għall-valutazzjoni tal-kwalità ta' l-arja tkun dan il-kejl.

(iv) Kejl ta' diossidu tan-nitroġenu għandu jittieħed ukoll f'minimu ta' 50% tal-punti minn fejn jittieħdu kampjuni preskritti minn Taqsima I ta' Skeda V li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Kejl ta' diossidu tan-nitroġenu għandu jittieħed kontinwament, minbarra fi stazzjonijiet rurali f'inħawi fuq ġewwa fuq l-art, kif imfissra f'Taqsima I ta' Skeda IV li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, meta jistgħu jintużaw metodi ta' kejl oħra.

(v) Fil-każ ta' zoni u agglomerazzjonijiet li fihom informazzjoni meħuda minn punti minn fejn jittieħdu kampjuni għal kejl fiss tkun supplementata minn informazzjoni meħuda b'mudelli u, jew qisien indikattivi, jista' jitnaqqas l-għadd totali ta' punti minn fejn jittieħdu kampjuni speifikat fit-Taqsima I ta' Skeda V li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, iżda:

(a) il-metodi supplementari jipprovdu livell bażiku adegwat ta' informazzjoni għall-valutazzjoni tal-kwalità ta' l-arja fir-rigward tal-valuri li jridu jintlaħqu, u livelli bażiċi ta' informazzjoni u livelli li joħolqu allarm;

(b) l-għadd ta' punti minn fejn jittieħdu kampjuni li għandhom ikunu stallati u r-riżoluzzjoni spazjali ta' tekniki oħra huma suffiċjenti biex il-konċentrazzjoni ta' ozonu tkun stabbilita skond l-objettivi tal-kwalità ta' *data* speċifikati fit-Taqsima I ta' Skeda VII li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u twassal għal riżultati ta' valutazzjoni kif speċifikat fit-Taqsima II ta' Skeda VII li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(ċ) l-għadd ta' punti minn fejn jittieħdu kampjuni f'kull zona jew agglomerazzjoni jammontaw għal mill-inqas punt minn fejn jittieħdu kampjuni għal kull żewġ miljuni abitanti jew punt wieħed minn fejn jittieħdu kampjuni għal kull 50,000 $km^2$, skond liema minnhom jipproduċi l-akbar għadd ta' punti minn fejn jittieħdu kampjuni;

(d) kull zona jew agglomerazzjoni jkun fiha mill-inqas punt wieħed minn fejn jittieħdu kampjuni, u

(e) diossidu tal-karbonju jitkejjel fil-punti minn fejn jittieħdu l-kampjuni kollha li jifdal minbarra fi stazzjonijiet rurali f'inħawi fuq ġewwa fuq l-art. F'dan il-każ, ir-riżultati tal-mudelli u, jew qisien indikattivi għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tal-kwalità ta' l-arja fir-rigward tal-valuri li jridu jintlaħqu.

(2) F'zoni u agglomerazzjonijiet fejn, tul kull waħda mill-ħames snin ta' qabel meta ttieħed il-kejl, konċentrazzjonijiet huma aktar baxxi mill-objettivi fuq medda ta' żmien qasira, l-għadd ta' stazzjonijiet fejn jittieħed kejl kontinwament għandu jkun determinat skond Taqsima II ta' Skeda V li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li mill-inqas stazzjon li jkejjel wieħed li hu maħsub biex iforni *data* fuq konċentrazzjonijiet tas-sustanzi prekursuri ta' l-ozonu elenkati fi Skeda VI li tinsab ma' dawn ir-regolamenti ikun stallat u jkun jopera fit-territorju tagħha:

Iżda l-awtorità kompetenti tagħżel l-għadd u l-post ta' l-istazzjonijiet fejn sustanzi prekursuri ta' l-ozonu għandhom jitkejlu, waqt li jitqiesu l-objettivi, metodi u rakkomandazzjonijiet stipulati fl-Iskeda msemmija:

Iżda ukoll bħala parti mill-gwida żviluppata taħt regolament 12, linji ta' gwida għal strateġija xierqa biex jitkejlu sustanzi prekursuri ta' l-ozonu għandhom ikunu preskritti u jitqiesu l-ħtiġiet eżistenti stipulati fil-leġislazzjoni eżistenti u fil-programm koperattiv għall-kontroll kontinwu u evalwazzjoni tat-trasmissjoni fuq medda twila ta' sustanza li tniġġes l-arja fl-Ewropa (EMEP).

(4) Metodi ta' referenza għall-analiżi ta' ozonu huma stipulati f'Taqsima I ta' Skeda VIII li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, filwaqt li Taqsima II ta' Anness VIII tipprovdi għat-tekniki ta' mudellar b' riferenzi għall-ozonu.

Reati kontra dawn ir-regolamenti.

**10.** Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tħares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

Pieni.

**11.** Kull persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti tista', meta tinsab ħatja, tehel:

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-qorti għandha tordna lil persuna li tkun insabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti tħallas għall-ispejjeż imġarrba mill-awtorità kompetenti b'riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

**12.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

Lingwa ta' l-Iskedi.

**13.** L-Iskedi I sa VIII li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti qegħdin ikunu ppubblikati fil-lingwa Ingliża flimkien mat-test Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.